MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Talba Numru. 1674/2004

**Carmel Sacco**
**Vs**
**Lawrence Refalo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta` Awissu, 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' Lm661.74c illum ekwivalenti ghal Euro1,541.44c jew somma verjuri li tista` tigi dikjarata anke tramite periti nominandi rapprezentanti danni kawzati fil-vettura ta` l-attur ta` l-ghamla Isuzu targata ABL 713 in segwitu ta` incident tat-traffiku li sehh nhar it-2 ta` Frar, 2004 gewwa Triq Hal Qormi, Hamrun ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 22 ta` April, 2004 u bl-imghaxijiet dekorribbli mit-2 ta` Frar, 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 6 ta` April, 2006 fejn ikkontesta t-talba attrici u dana peress illi afferma li l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba tortijiet imputabbli lill-istess attur. Saret riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensura ta` l-attur.

Ikkunsidra.

L-attur spjega li huwa kien miexi gewwa Triq Hal Qormi, l-Hamrun fejn kien hemm it-traffiku filwaqt li l-konvenut kien miexi warajh. F'hin minnhom meta huwa waqaf minhabba l-istess traffiku ta` quddiemu, l-konvenut dahal go fih minn fuq wara. L-impatt tant kien qawwi li l-vettura ta` l-attur intefghet fuq in-naha l-ohra tat-triq b'distanza ta` xi 13 il-metru. Qabel id-daqqa lill-konvenut ma rahx – hass biss daqqa kbira. Il-vettura ta` l-attur sofriet hsarat fuq wara u fil-gear box. Is-surveyor ta` parti tal-konvenut kien spezzjona l-vettura ta` l-attur qabel ma giet rimedjata l-hsara. Din il-verzjoni ta` l-attur tinsab ukoll rappurtata fir-rapport tal-pulizija ezebit a fol 30 et seq tal-process. Minn dan l-istess rapport tohrog ukoll il-verzjoni tal-konvenut li jafferma li huwa minnu li huwa kien qed isuq wara l-attur pero` f'hin minnhom kienet din l-istess vettura ta` l-attur li waqfet hesrem u bdiet tirriversja bil-goff bil-konsegwenza li dahal go fih. Din il-verzjoni giet konfermata mill-konvenut tramite l-affidavit tieghu a fol. 43 tal-process. Il-konvenut ressaq zewg affidavits ohra cioe` ta` Simone Refalo u ta` Mario Camilleri li t-tnejn jikkonfermaw tali verzjoni. Tali verzjoni tal-konvenut pero` ma tispjegax it-tyre marks ta` 13 il-metru bejn iz-zewg vetturi u anqas ma tispjega kif il-vettura ta` l-attur spiccat 13 il-metru l-quddiem mix-xarabank tal-konvenut partikolarment meta tqis li z-zewg vetturi kienu ghat-telgha. Fil-fatt l-iskizz ezebit a fol. 32 u 33 tal-process aktar jaghti kredibbilita` ghal verzjoni esposta mill-attur.

Il-Maggur Anthony Lia li kien ta` bidu ghall-investigazzjoni tal-kaz fil-fatt xehed li t-trakk ta` l-attur kien madwar 30 jew 36 metru aktar il-fuq fit-triq mnejn kien jinsab ix-xarabank tal-konvenut u li l-istess xarabank kellu daqqa kbira fuq quddiem. Huwa jikkonferma l-verzjonijiet tar-rispettivi sewwieqa kif rappurtati. Dan l-ufficcjal tal-pulizija jghid ukoll li kkonstata li l-punt ta` l-impatt kien fejn sabu x-xarabank, cioe` fattur iehor favorevoli ghall-istess attur.

Illi l-inkredibbilita` tal-verzjoni moghtija mill-konvenut tispikka wkoll bil-mod u fil-kontenut tar-risposti tieghu in kontro-ezami tant li ftit li xejn ihalli dubbju dwar kemm kienet aktar verosimili t-tezi ta` l-attur.

L-attur ressaq ukoll il-prova dokumentarja dwar il-hsara subita ghalkemm jigi notat li ma kienx hemm kontestazzjoni f'dan is-sens. Mill-banda l-ohra it-Tribunal ma ha ebda konjizzjoni tal-video cassette u ritratti ezebiti mill-konvenut in vista tad-digriet minnu moghti. Pero` fi kwalunkwe kaz tali dokumenti ma setghux ikunu rilevanti ghal kaz in ezami meta wiehed jinnota il-kontenut tal-verzjonijiet kontrastanti.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u kwindi jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, konsegwentement jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni u allura jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta` Euro1,541.44c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------